Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 116/2018

Il-Pulizija

Vs

Adrian Caruana

Illum 11 ta' Dicembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Adrian Caruana detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 370674M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-27 ta' Mejju, 2014 u fil-jiem ta' qabel, fl-ibhra tas-sajd jew lil hinn minnhom, bil-bastiment Anna Marie li jtajjar bandiera Maltija u li ghandu numru tar-registrazzjoni MFA1297;

1. Kiser kundizzjoni ta' licenzja tas-sajd billi ecceda l-kwota awtorizzata ghall-qbid tal-hut tal-ispeci *Thunnus thynnus*.

Talli fit-23 ta' Gunju, 2015 u fil-jiem ta' qabel, fl-ibhra tas-sajd jew lil hinn minnhom, bil-bastiment Anna Marie li jtajjar bandiera Maltija u li ghandu numru tar-registrazzjoni MFA1297;

2. Naqas milli jizgura l-ezattezza tad-data rregistrata fil-gurnal ta' abbord dwar is-sajd f'format elettroniku (*electronic logbook/ e-logbook*) kif titlob il-Ligi, u dan fir-rigward tas-sajdiet li sehhew fid-dati mit-22 sat-23 ta' Gunju, 2015 bi ksur tal-obbligu tieghu skond l-Artikolu 14 tar-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru, 2009, li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll ghall-izgurar tal-konformita' mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jhassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, liema ksur iwassal ghal reat skont ir-regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08 u li ghall-fini ta' pieni jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi taht l-imsemmi regolament 4 tal- L.S. 425.08;

Talli wkoll, ghal diversi drabi, fi zminijiet differenti u bi ksur tal-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, fis-27 ta' Awwissu, 2015, u fil-jiem, xhur u snin ta' qabel, fl-ibhra tas-sajd jew lil hinn minnhom, bil-bastimenti Indri jew Anna Marie skond il-kaz li jtajru bandiera Maltija u li huma rregistrati fir-registru tal-bastimenti tas-Sajd Lokali bin-numru tar-registrazzjoni MFA1297 u MFA0274;

3. Kiser kundizzjoni(jiet) ta' licenzja tas-sajd billi stad go wesgha ta' mija u tmenin metru mis-sufri tal-kannizzati ta' haddiehor jew talli naqas li jirrispetta l-istruzzjonijiet mahruga mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura bi ksur tal-istess licenzja tas-sajd;
4. Fl-istess data/i, hinijiet, lok u cirkostanzi talli stad go wesgha ta' mija u tmenin metru mis-sufri tal-kannizzati ta' haddiehor;
5. B'hekk irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u tistax jigu mibdula;

6. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija minbarra l-piena nflitta, tapplika provvedimenti skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 30(2) u l-Artikolu 35 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tal-konfiska tal-hut maqbud u mibjugh u taz-zamma jew konfiska tal-bastimenti kif hemm dispost, kif il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun li tordna u timponi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Artikolu 12(3) tal-Kap 425 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 27 tal-L.S. 425.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha **<u>tirriforma</u>** s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx htija fl-imputazzjonijiet enumerati bin-numri: 1, 2 u 3, u
2. Tirrevokaha u thassarha fil-parti fejn ma sabitx htija fl-imputazzjoni enumerata 3ii u minflok wara li tisma' dan l-appell issib lill-appellat Adrian Caruana hati tal-imputazzjoni enumerata 3ii kif migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena relattiva u kwalunkwe konsegwenza ghas-sejbien ta' htija skont il-ligi u fil-parametri relattivi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioe`:-

Illi fl-Ewwel (1) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell abbazi tal-Artikolu 31(5) tal-Kap 425 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-esponent minn issa jiddikjara li huwa qed jappella unikament fir-rigward tal-imputazzjoni enumerata 3ii tal-komparixxi u cioe' li:

*ii. Fl-istess data/i, hinijiet, lok u cirkostanzi talli stad go wesgha ta' mija u tmenin metru mis-sufri tal-kannizzati ta' haddiehor bi ksur tar-regolament 27 tal-L.S. 425.01*

*Skont id-dispozizzjonijiet relattivi tal-ligi l-piena applikabbli hija ta' multa ta' mhux anqas minn €465,87 u mhux izjed minn €11,646.87.*

Illi l-aggravju huwa car u manifest, stante li jirrizulta mis-sentenza appellata illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) illiberat lill-appellat mill-akkuza 3 ii. kif dedotta kontrih, malgrado li l-prosekuzzjoni fl-umli fehma tal-esponentipprezentat il-provi relattivi (kif ser jinghad iktar 'l isfel) sal-grad rikjest mil-Ligi u cioe' dak ta' lil hinn minn kull dubju ragonevoli;

Illi mill-assjem tal-provi prodotti fl-atti processwali jirrizulta li l-appellat bil-bastiment tas-sajd tieghu fil-fatt dahal go wesgha ta' mija u tmenin metru mis-sufri tal-kannizzati ta' haddiehor u kwindi stad fuq il-kannizzati ta' sajjieda ohra bi ksur tar-regolament 27 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.01 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan johrog car mid-dokumenti u r-rapport prezentati minn Christopher Sciberras fil-vesti tieghu bhala *Senior Fisheries Protection Officer* fejn mill-VMS screenshot a fol. 89 jidher kjarament li l-bastiment tas-sajd tal-appellat registrat bl-isem ta' Anna Marie bin-numru MFA274, dahal fiz-zona tas-sajd specifikatament allokata lil sajjied iehor, filwaqt li hekk kif jidher mill-istess screenshot tar-rotta, huwa evidenti li hareg miz-zona legalment allokata lilu (zona mmarkata permezz ta' kaxxa griza) u stad ghal diversi mili fiz-zona ta' haddiehor. Illi jekk wiehed jara l-screenshot prezentata a fol. 92, din tindika r-rotta korretta ghas-sajd li l-appellat kien ghamel fiz-zona allokata lilu f'dati ohra. Illi l-appellat lanqas ma jista' jghid li ma kienx jaf li ma jistax jidhol jistad f'zoni allokati lil haddiehor stante li fis-16 ta' Lulju 2015, id-Dipartiment tas-

Sajd u Akkwakultura baghat ittra lis-sajjieda sabiex jinfurmahom li l-postijiet tas-sajd bil-kannizzati jistghu jintuzaw biss mill-persuna allokata kif ukoll li hadd ma ghandu jbahhar, jinnaviga jew jistad fuq il-postijiet tas-sajd bil-kannizzati ta' haddiehor;

Illi inoltre ai termini tar-Regolament 13 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.01 tal-Ligijiet ta' Malta, galadarba l-bastiment tas-sajd ikollu t-taghmir tas-sajd abbord, hemm il-prezunzjoni li dak il-bastiment kien qed jistad sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju mis-sajjied innifsu. Illi tali prova mill-appellat ma ngabitx u ghalhekk il-prezunzjoni tissussisti li meta dahal fiz-zona tas-sajd bil-kannizzata ta' haddiehor huwa kien filfatt qed jistad. Illi l-licenzja relattiva tas-sajd tal-appellat tinsab ezebita fl-atti processwali u tghajjat lill-bastiment tas-sajd tal-appellat Anna Marie bin-numru ta' registrazzjoni MFA 274. Illi giet ezebita wkoll a fol. 36 l-Inspection Form tal-ispezzjoni li l-ispetturi tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura wettqu wara li l-bastiment dahal lura fil-port mis-sajd, fejn fost l-ohrajn hemm ukoll konfermat li abbord il-bastiment l-appellat kellu xi xbieki u cioe' taghmir tas-sajd. Illi n-nota relattiva tal-qbid (seizure note) tal-hut mill-ispetturi tad-Dipartiment tinsab ukoll ezebita a fol. 33 tal-atti processwali, fejn hemm ukoll a tempo vergine ir-ragunijiet ta' tali qbid fosthom il-ksur tar-Regolament 27 tar-Regolament dwar is-Sajd hawn fuq kwotat;

Illi fl-opinjoni tal-esponent ghalhekk jissussistu provi sufficjenti sabiex l-appellat jinstab hati fuq din l-imputazzjoni, stante wkoll il-fatt li d-difiza ma tellghatx provi sabiex tmeri jew tiskredita l-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat i-dokumetni kollha esebiti fl-atti.

Illi fl-atti jirrizulta li xehdu divesi xhieda fosthom Gilbert Balzan, Wayne Bugeja, Melvin Fenech, Pierre Cachia, Omar Farugia u dan fis-seduta tal-24 ta' Frar 2018 (fol. 5) pero' ix-xhieda taghhom ma gietx dattilografa u l-Avukat Generali iddikjara pernezz ta' verbal appositu registrat fl-atti quddiem din il-Qorti nhar is-6 ta' Novemrbu 2018 fejn ma kienx qed jinsisti ghas-smeigh tax-xhieda taghhom.

Semghet ix-xhieda tas-segwenti xhieda li kienu taw id-deposizzjoni tghhom quddiem l-ewwel Qorti u kienu sahansitra anke pprezentaw numru ta' dokumenti quddiem l-ewwel Qorti.

**Christopher Sciberras** xehed nhar is-6 ta' Novembru, 2018 u spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' Senior Fisheries Protction Officer u wiehed mill-obbligi tieghu u li jommonitorja il-VMS li jkun hemm installat fuq bastimenti tas-sajd. Spjega li dan il VMS huwa vessel monitoring system, apparatt li jkun imwahhal fuq il-bastiment li ma jistax jigi imbghabas u dan jirrekordja l-moviment tal-bastiment jew ahjar it-tragitt li jkun ha. Jaghti l-pozzjoni tal-bastiment ghal-skop ta' 'tracking'.

Spjega li nhar it-28 ta' Mejju 2015 il-bastiment registrat bl-ittra MFA 0276 bl-isem Anna Maria kien qed jistad fiz-zona li ma kientix giet mghtija lill-appellant mid-dipartiment tas-Sajd. Kienet xi 5.5 mili nautici l'barra miz-zona taghha sejra lejn Hurds Bank.

Spjega illi huwa ma jkunx fuq il-bastiment pero' l-monitor li jkollu fl-ufficcju jkollu l-markings tal-bastiment. Ikkonferma lid-dokument esebit fl-atti a fol. 89 juri dak li huwa effettivament kien qed jara dakinhar fit-28 ta' Awwissu, 2015 ghall-habta ta' 2.38p.m. u cioe' li l-bastiment ma kienx qed izomm mal-markings li gie moghti. Ikkonferma li dan l-apparat jibghat messagg kull saghtejn u ghalhekk jista' jghid b'certu kunfidenza dwar il-moviment tal-bastiment. Qal li l-parti li hija 'shaded' fuq id-dokument esebit a fol 89 jindika iz-zona moghtija lill-appellant mid-dipartiment Qal li l-appellant kien distanza boghod ta' xi 5 mili nautici.

Id-dokumenti a fol. 90 u fol. 91 juru z-zona 'shaded' ta' fejn kellu joqghod l-appellant. Id-document esebit a fol. 93 jindika li l-appellant gja beda jsuq il-barra miz-zona moghtija lilu il-barra minn dik l-area li hi shaded.

Spjega li dawn ir-ritratti jindikaw bic-car it-tragitt li ha dan il-bastiment dakinhar tat-28 ta' Awwissu, 2015. F'xi hin ma zammewx aktar kuntatt ma l-appellant waqt li kien il barra ghaliex ma setghux jaqbduh bil-VHF. Huma ghalhekk baqghu isegwuh bil-VMS sakemm mar lura fil-port fejn hemmhekk kellu jiltaqa' ma xi spettur tas-Sajd. Fil-fatt gie mgharraf li meta wasal lura gie suggettat ghal-spezzjoni fejn il-hut

kollu li kellu gie elevat. Mistoqsi jekk kien hu li laqa' lill-appellant fuq l-art jghid li ma kienx hu.

**Robert Borg** xehed u ikkonferma li jokkupa l-kariga ta' spettur tas-Said. Jghid li nhar tat-28 ta' Awwissu, 2015 kien gie mgharraf li l-bastiment tal-appellant ma zammitx maz-zona moghtija lilha u ghalhekk kellu jmur jiltaqa' mal-appellant fil-port sabiex meta jasal huwa ikun jista' jaqbad u jeleva il-hut li ikollu abbord stante li dan ikun gie maqbud minn post fejn l-appellant ma jkunx awtorizzat biex jistad. Qal li gie mgharraf li l-appellant ma zammx mac-cimi tieghu izda mar fir-rima ta' haddiehor. Fl-ispezzjoni sab li kellu 52 kaxxa lampuki u 5 kaxxi fanfri u xibka tas-Sajd. Huwa eleva l-hut u ta' seizure note lill-appellant li tinsab esebita fl-atti a fol 33 fejn hemm indikat il-qabda li kellu dakinhar. Spjegalu r-raguni ghaliex kien ser jeleva l-hut pero' jghid li dan ikkolobora hafna mieghu tant li ghenu jiehu l-hut fil-*cold store* sabiex tinbiegh.

**Christoper Cousain** xehed nhar is-6 ta' Novmebru, 2015 u dan qal li dak iz-zmien ta' dan l-incident kien jahdem id-dipartiment tal-fisheries u kien gie mitlub jghamel xi photocopies ghal-file taghhom izda dawk il-karti mhumiex esebiti fl-atti odjerni.

L-**imputat Adrian Caruana** xehed minn jeddu u spjega li kien hareg jistad erbghin mil 'l barra bil-bastiment tieghu 'Ave Maria'. Qal li wafu max-xifer. Pero' kkonferma li l-hut qabduh meta kien fiz-zona li giet allokata lilu. Qal li minhabba li kien ir-rih waqfu jistadu u marru u rritornaw lura lejn il-Port bil-hut li kienu qabdu lejliet u appena waslu lura sab lil Richard Borg Spettur fid-dipartiment tas-Sajd li ssekwestra l-hut li kellu u tah seizure note. Mistoqsi jekk kienx jaf li ghandu VMS abbord jghid li jaf pero' ma jkunx jaf jekk ikunx qed jahdem dejjem. Meta jirraporta li jkollu xi haga idumu hafna ma imorru biex jirrangawh. Qal li dan l-apparat ikollu bzonn 'update' ta sikwiet.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma is segwenti:-

1. Illi fit-28 ta' Awwissu, 2018 l-appellant hareg jistad bil-bastiment tieghu Ave Maria numru MFA 0274.

2. Illi huwa ghandu l-apparat VMS installat fuq il-bastiment u ghalhekk jigi monitored mid-dipartiment tas-Sajd fejn ikun qieghed.
3. Illi jirrizulta li l-appellant inghata zona mid-dipartiment tas-Sajd fejn ghandu jistad.
4. Illi l-appellant kien jaf li ma setax jistad f'zona ohra li ma kienitx dik assenjata lilu u gie mfakkar dwar dan anke permezz ta' ittra li giet mibghuta lilu mid-dipartiment tal-Fisheries li kopja taghha tinstab esebita fl-atti a fol. 6.
5. Illi t-tragitt kollu tal-bastiment jigi rekordjat fuq il-monitor li jkun hemm fid-dipartiment billi l-bastiment jibghat messag via satellite u dan jigi recorded fuq l-monitor tad-dipartiment.
6. Ili fl-atti hemm eesbiti diversi dokumenti li jindikaw il-movimenti tal-bastiment u kemm il-darba ma kienx fiz-zona proprja tieghu
7. Illi meta l-appellant wasal lura fil-Port kien mar l-ufficjali tad-dipartiment ta' Sajd Robert Borg u ssekwestra u eleva l-hut kollu li kellu abbord u l-appellant stess ghenu jiehu l-hut fil-cold stores biex jinbiegh.
8. Jirrizulta li l-hut inbiegh u l-flus ma inghatawx lill-appellant.

Illi l-appellant kien gie akkuzat b'diversi reati pero' l-ewwel Qorti ma sabitux hati taghhom. L-Avukat Genrali ghogbu jappella minn dik is-sentenza u appuntu interpona appell bazi tal-artikolu 31 (5) tal-Kap 425 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-appell tal-Avukat Generali pero' hu limitat ghar-rigward it-tielet akkuza moghtija fil-konfront tieghu u cioe' mill-akkuza li 'fl-istess data/i, hinijiet lok u cirkostanzi talli stad go wesgha ta' mija u tmenin metru mis-sufri tal-kannizzati ta' haddiehor bi ksur tar-regolament 27 tal-L.S 425.01.

Illi huwa minnu li bhala principju din il-Qorti ma tinterferix mal-apprezzament ta' provi maghmula mill-ewwel Qorti u dan ghaliex ma tinterferix fid-diskrezzjoni

taghha salv jekk ma jirrizultax mill-atti akkweziti li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin li b'hekk waslet ghal decizjoni zbaljata.

Mill-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti lill-appellant bil-bastiment tieghu 'Ave Maria' nhar it-28 ta' Awwissu, 2015 dahal go wesgha ta' 180 metru mis-sufri tal-kanizzati ta' haddiehor u ghalhekk stad fuq kanizzati u cimi ta' sajjieda ohra li kienu registrati mad-dipartiment tas-Sajd. U dan bi ksur tar- regolament 27 tal- SL 425.01 li jipprovdi s-segwenti:

27 "*Minkejja d-disposizzjoni tar-regolament 9 ta' dawn ir-Regolamenti, il-licenza msemmija fir-regolament 26 ikollha effett matul il-perijodu li jibda fl-1 ta' Awissu tas-sena tal-hrug u li jispicca fil-31 ta' Jannar li jigi minnufih wara dik is-sena, matul liema prijodu ebda persuna hlief dik li jkollha licenza ma tista'tistad gewwa wesgh ta' mija u tmenin metru mis-sufri tal-kannizzati taghha*"

Dan qed jinghad a bazi ta dak li xehed Christopher Sciberras meta kien qed jghamel referenza ghad-dokument esebit fl-atti a fol 89. Spjega li l-parti li hija 'shaded' hija iz-zona li giet allokata lill-appellant mid-dipartiment tas-Sajd pero' ghogbu ma jzommx maghha. Jirrizulta wkoll a fol. 92 li hemm pjanta li tindika li l-appellant fi granet ohra kieneta rotta differenti.

Ghalhekk dan id-dokument a fol 89 ifisser li l-appellant fil-fatt bahhar, innaviga u stad f'zona li ma kientix tghajjat lilu.

Il-Qorti tghamel refernza wkoll ghal-presunzjoni li tikkreja l-ligi, liema presunzjoni hija iuris tantum u tipprovdi li una volta l-bastiment ikollu tghamir ta' sajd abbord sakemm ma jigix provat kuntrarju dan ifisser li tali sajjied kien f'dik iz-zona ghal skop ta sajd.

Illi jirrizulta ukoll li dakinhar meta l-appellant dahal fil-port huwa kellu hafna kaxxi mimlija bil-hut kif deskritti fis-seizure note u ghalhekk in vista ta' din il-presunzjoni appena imfissra dawk il-hut inqabdu meta l-appellant kien f'dik iz-zona li ma tghajjatx lilu.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qeghda tikkonferma s-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, l-ewwel parti 3(i) qieghda tirrevokaha u thassarha fil-parti fejn ma sabitx htija fl-imputazzjoni enumeata 3(ii) u wara li tiddikjara li rat ir- regolament 27 tal- LS 425.01 qieghda tiddikjara li qed issib lill-appellant hati ta' din l-akkuza u wara li rat li ghandu fedina penali pjuttost reflettarja qieghda tikkundannah ihallas multa ta' elf euro ( €1,000).

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur